MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru. 18/2000
Kawza Numru. 2

Il-Pulizija
(Spettur Paul Vassallo)

- vs -

Theresa Bugeja

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra Theresa Bugeja ta' 66 sena, mart il-mejjet Carmelo, karta tal-identita' numru 9833(G), kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

**B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ba' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanalu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika**

**ghaluj qligh, liema qligh huwa ta' aktar minn Lm500, bi hsara ta' Theresa Xerri, minn Victoria.**

Rat il-kunsens tal-avukat generali tal-21 ta' Jannar 2000 skond l-artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2001, l-imputata rregistrat n-nuqqas ta' oggezzjoni taghha sabiex il-kawza tkun trattata u deciza bl-istess procedura;

Ikkunsidrat illi mill-provi migjuba ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti jirrizulta illi Theresa Xerri kienet ghamlet rapport lill-Pulizija illi l-imputati kienu akkwistaw minghandha somma flus fl-ammont ta' Lm 4300 b'mezzi qarrieqa. Xerri irrakontant kif Theresa Bugeja kienet talbita xi flus biex ittihom lill-Arcipriet tal-Katidral ta' Victoria li da parti tieghu kien talabha ghaliex kien fil-bzonn wara incident bil-karozza u li ma ried juri xejn lill-familjari tieghu. Bugeja talbet ammont kbir ta' flus izda Xerri taghta xi ftit mijiet li kellha fuqha. Peress illi riedet taqdi lill-Arcipriet, u mghafusa minn Bugeja, Xerri gabet aktar flus mill-bank u sahansitra isselfet flus mill-Bank ghal dan l-iskop. Bugeja kienet uriet karta lil-Xerri liema karta kienet tghid li hi miktuba mill-Arcipriet u li turi li rcieva dak l-ammont u ghad ghandu bzonn ta' aktar flus. Xerri waslet ukoll biex iggib flus minn barra minn Malta biex tkun tista' tikkopera f'din il-kawza nobbli, izda irrizulta illi bdiet tisuspetta fl-agir ta' Bugeja u fl-ewwel okkazzjoni li kellha fakkret lill-Arcipriet fil-flus li kienet taghtu li da parti tieghu baqa' miblugh b'dak li qaltlu Teresza Xerri.

Theresa Bugeja xehedet u qalet li hija kienet imgieghlha taghmel hekk minn Alfred Gerada li ried jakkwista flus biex jixtri karozza gdida u ghalhekk gieghel lill-Bugeja taghmel dawn il-maniggi fuq theddida li joqtol lilha u lit-tifel taghha. Irrizulta ukoll illi Alfred Gerada kien xtara karozza gdida izda kien hallas biss id-depozitu. Kull xahar kien juri lill-Theresa Bugeja kambjala falsifikata biex jikkonvinciha li kien qed ihallas il-kambjali.

L-imputata qalet illi hija kienet kostretta taghmel dan ir-rejat lilha addebitat fuq theddida serja.  Jirrizulta izda illi meta kienet mitkellma mill-Pulizija hija baqghet tinsisti illi l-ammont kien ta' Lm2700 u mhux ta' Lm4300, izda meta xehedet il-Qorti qalet illi l-ammont kien verament ta' erbat elef u li qalet bil-kontra ghaliex bezghet.  Irrizulta ukoll illi Gerada ghamel xi zmien joqghod ghand Bugeja u dak li kellha xi tghid dwar dan il-fatt hu li darba instabat mal-art quddiemha u iddecidiet li ddur bih hi.

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza rrilevat illi Bugeja ma akkwistat xejn minn dak mehud minn Xerri u inoltre illi hija ghamlet dan taht theddida serja.  L-agir tal-imputata Theresa Bugeja huwa perfettament inkwadrat fir-rejat ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kap 9.  Hija ghamlet qliegh ta' Lm4300 ghand-dannu ta' Theresa Xerri bil-mezzi kontra l-ligi u qarrieqa msemmija fil-fuq citat artikolu.  Il-fatt illi kien haddiehor li fl-ahhar ibbenefika minn dawn il-flus ma hu ta' ebda konfort ghall-imputata u dan skond l-insenjament tal-Qrati taghna.  It-theddida li biha hassita bhedda l-imputata ma jidhirx li kienet wahda rejali jekk qatt kien hemm theddid bhal dan.  Hi kienet libera li tmur ghand il-Pulizija u titlob il-protezzjoni taghha izda qalet li ma ghamlitx hekk ghaliex bezghet.  Minkejja il-biza taghha, meta kienet arrestata ghazlet illi tipprova tizgwida lill-Pulizija billi insistiet illi l-lammont kien ta' Lm2700 u mhux Lm4300.  Fil-fehma tal-Qorti, l-imputata ma ressqet ebda prova li turi li hi kienet kostrett taghmel dak allegatament mitluba taghmel minn Alfred Gerada.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Wara li rat l-artikolu 308 tal-kap 9;

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputata;  Ikkunsidrat illi dan ir-rejat jimporta piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sena;  Ikkunisdrat inoltre is-serjata tal-kaz kif ukoll l-eta tal-imputata li llum ghandha 71.

Ghalhekk piena karcerarja ma tkun idonea u fic-cirkostanza tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputata tikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 29A tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------